PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2005/0259(CNS)

12.7.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kompetenza, il-liġi applikabbli, l-għarfien u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment
(COM(2005)0649 – C6-0079/2006 – 2005/0259(CNS))

Kumitat ghal-Libertajiet Ċivili, il-Gustizzja u l-Intern

Rapporteur: Genowefa Grabowska

(*) Kumitati assoċjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 26

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kompetenza, il-liġi applikabbli, l-għarfien u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment
(COM(2005)0649 – C6-0079/2006 – 2005/0259(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0649),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 61 c) u l-Artikolu 67 (2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0079/2006),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi mill-Parlament
	Emenda 1 Ċitazzjoni 1
wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u notevolment l-Artikolu 61*, il-punt c)* tiegħu ***u l-Artikolu***	wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u notevolment l-Artikolu 61*(c)* tiegħu,

67, il-paragrafu 2 tiegħu,

Ġustifikazzjoni

Meta ġie kkonsultat mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar il-bażi legali għar-regolament propost, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra li l-proposta suppost tiġi ttrattata skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Emenda 2
Ċitazzjoni 3

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,	***imħassra***

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-emenda ta' Ċitazzjoni 1.

Emenda 3
Ċitazzjoni 4 a (ġdida)

	filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-emenda ta' Ċitazzjoni 1.

Emenda 4
Premessa 9

(9) L-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament irid jestendi għall-obbligi ta' manteniment kollha li ġejjin ***mir-relazzjonijiet ta' familja*** jew *mir-* relazzjonijiet li għandhom effetti simili, u dan, sabiex jiżgura ugwaljanza ta' trattament bejn il-krediturі ta' manteniment kollha.	(9) L-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament irid jestendi għall-obbligi ta' manteniment kollha li ġejjin ***minn relazzjoni ta' familja, parentela, żwieġ jew affinità*** jew *minn* relazzjonijiet li għandhom effetti simili, ***bħal sħubija ċivili,*** u dan, sabiex jiżgura ugwaljanza ta' trattament bejn il-krediturі ta' manteniment kollha. ***Dawn l-obbligi għandhom jinftiehmu fl-iktar sens wiesa' possibbli li jkopru, b'mod partikulari, l-ordnijiet kollha marbuta ma' ħlasijiet perjodiċi, ħlasijiet ta' somma***

waħda, trasferiment tas-sjieda ta' proprjetà u aġġustamenti tal-proprjetà, imfassla fuq il-bażi tal-bżonnijiet u tar-riżorsi rispettivi tal-partijiet.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li tiġi pprovduta ftit gwida għat-tifsira u l-iskop ta' l-espressjoni "obbligi ta' manteniment". Huwa importanti li jiġi speċifikat li sħubija ċivili u sħubija bejn koppji ta' l-istess sess huma koperti wkoll.

Emenda 5
Premessa 10

(10) Ir-regoli relatati mal-kompetenza internazzjonali huma xi ftit differenti minn dawk attwalment applikabbli, bħal dawk li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Sabiex jiżguraw mill-aħjar il-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri ta' manteniment u biex jiffavorixxu amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, dawn ir-regoli jridu jiġu ċċarati u jkopru minn issa 'l quddiem *l-ipoteżi* kollha li fihom jeżisti rapport suffiċjenti bejn is-sitwazzjoni tal-partijiet u Stat Membru. ***Ir-residenza abitwali tal-konvenut fi Stat mhux membru ta' l-Unjoni Ewropea ma tistax tkun aktar kawża ta' esklużjoni tan-normi Komunitarji u ma jista' jkun hemm l-ebda ħsieb li ssir referenza għal-liġi nazzjonali.***	(10) Ir-regoli relatati mal-kompetenza internazzjonali huma xi ftit differenti minn dawk attwalment applikabbli, bħal dawk li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Sabiex jiżguraw mill-aħjar il-ħarsien ta' l-interessi tal-kredituri ta' manteniment u biex jiffavorixxu amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, dawn ir-regoli jridu jiġu ċċarati u jkopru minn issa 'l quddiem *il-każijiet* kollha li fihom jeżisti rapport suffiċjenti bejn is-sitwazzjoni tal-partijiet u Stat Membru.

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tan-negozjati tal-Konvenzjoni dwar l-irkupru internazzjonali ta' l-appoġġ għat-tfal u forom oħra ta' manteniment tal-familja fil-Konferenza ta' L-Aja, għal liema l-Unjoni Ewropea saret firmatarja fit-3 ta' April 2007, ikun aħjar li din is-sentenza titħalla barra.

Emenda 6
Premessa 11

(11) Il-partijiet iridu jkunu jistgħu jagħżlu bi qbil komuni l-qorti kompetenti, ħlief meta hemm involuti l-obbligi ta' manteniment fir-	(11) Il-partijiet iridu jkunu jistgħu jagħżlu bi qbil komuni l-qorti kompetenti, ħlief meta hemm involuti l-obbligi ta' manteniment fir-

rigward tat-tfal minuri, biex ikun assigurat il-ħarsien tal-"parti dgħajfa".	rigward tat-tfal minuri, biex ikun assigurat il-ħarsien tal-"parti dgħajfa". ***Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ trid tkun issodisfata li jkun hemm qbil ħieles dwar kull twessigħ tal-ġuriżdizzjoni wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti u trid tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-partijiet fil-ħin tal-proċedimenti. Il-qbil kollu dwar l-għażla tal-qorti għandu jkun bil-miktub.***

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ għandha tkun issodisfata li kwalunkwe qbil dwar l-għażla tal-qorti jkun sar b'mod ħieles wara li jkun ittieħed parir legali u jkun għadu rilevanti filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tal-partijiet fil-ħin meta jsiru l-proċedimenti.

Emenda 7
Premessa 14

(14) Il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment *trid* ***tipprevali***, bħal fl-istrumenti internazzjonali eżistenti, iżda l-liġi tal-qorti ***trid tiġi fit-tieni post, billi din ta' spiss tippermetti, f'dan il-qasam partikulari, li tirregola t-tilwim*** b'mod aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż.	(14) Il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment *għandha* ***tkun dominanti***, bħal fl-istrumenti internazzjonali eżistenti, iżda ***għandu jkun ukoll possibbli li tiġi applikata*** l-liġi tal-qorti***, anki fejn mhix il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur, fejn tippermetti li tilwim f'dan il-qasam jissolva ġustament*** b'mod aktar sempliċi, aktar malajr u b'inqas spejjeż ***u ma jkun hemm l-ebda evidenza għal 'forum shopping'***.

Ġustifikazzjoni

The Regulation's aim of enabling maintenance creditors easily to obtain a decision which will be automatically enforceable in another Member State would be frustrated if a solution were to be adopted which obliged courts to apply foreign law where the dispute could be resolved simpler, faster and more economically by applying the law of the forum. Application of foreign law tends to prolong proceedings and lead to additional costs being incurred in procedures which often involve an element of urgency and in which litigants do not necessarily have deep pockets. Moreover, in some cases application of the law of the creditor's country of habitual residence could give rise to an undesirable result, as in the case where the creditor seeks a maintenance order in the country of which she is a national having sought refuge there after leaving the country in which she had been habitually resident with her husband who is of the same nationality, who is still resident there.

On these grounds, this amendment provides for the discretionary application of the law of the forum, whilst safeguarding against forum shopping.

Emenda 8
Premessa 15

(15) Meta ***l-ebda miż-żewġ liġijiet imsemmija hawn fuq ma jippermettu lill-***kreditur biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur, irid ikun possibbli li tiġi applikata l-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment għandu ***rabtiet*** *stretti*. ***Jista' jkun***, b'mod partikulari, iżda mhux *waħdu*, ***il-***pajjiż ta' nazzjonalità komuni tal-partijiet.	(15) Meta ***l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment jew il-liġi tal-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ ma tippermettix lill-***kreditur ***ta' manteniment*** biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur ***jew fejn ma jkunx ġust jew xieraq biex tiġi applikata dik il-liġi***, irid ikun possibbli li tiġi applikata l-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment għandu ***konnessjonijiet*** *mill-qrib*, b'mod partikulari, iżda mhux *esklussivament*, ***dik tal-***pajjiż ta' nazzjonalità komuni tal-partijiet.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tippermetti l-applikazzjoni ta' liġi barra dik tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur ta' manteniment jew dik tal-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ, ukoll sabiex jiġi evitat 'forum shopping'.

Emenda 9
Premessa 16

(16) Il-partijiet iridu ***jkunu awtorizzati,*** taħt ċerti kundizzjonijiet, *biex jagħżlu l-*liġi applikabbli. B'hekk huma jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' *proċedura.* Barra minn hekk, iridu jkunu jistgħu jiftiehmu *mil-*liġi applikabbli permezz ta' ftehimiet preliminari fuq kull tilwima, iżda unikament meta jkunu obbligi ta' manteniment ħlief dawk li huma dovuti lil tfal jew lil adulti vulnerabbli; barra minn hekk, l-għażla tagħhom trid tkun limitata għall-*ispeċifikar* ta' ċerti liġijiet biss.	(16) Il-partijiet iridu ***jitħallew*** *jagħżlu,* taħt ċerti kundizzjonijiet, *il-*liġi applikabbli. B'hekk huma jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi tal-qorti għall-ħtiġijiet ta' *proċeduri partikulari.* Barra minn hekk, iridu jkunu jistgħu jiftiehmu *dwar il-*liġi applikabbli permezz ta' ftehimiet preliminari fuq kull tilwima, iżda unikament meta jkunu *l-*obbligi ta' manteniment ħlief dawk li huma dovuti lil tfal jew lil adulti vulnerabbli; barra minn hekk, l-għażla tagħhom trid tkun limitata għall-*ispeċifikazzjoni* ta' ċerti liġijiet biss. ***Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ trid tkun issodisfata li jkun sar qbil dwar kull għażla ta' liġi wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti. Il-qbil kollu dwar l-għażla***

tal-liġi għandu jkun bil-miktub.

Emenda 10
Premessa 17

(17) Id-debitur irid ikun imħares mill-applikazzjoni tal-liġi speċifikata fl-ipoteżi fejn ir-relazzjoni tal-familja li tiġġustifika l-kisba ta' mantenimenti m'hijiex ikkunsidrata unanimament kif kien jistħoqq li tkun privileġġjata. Dan jista' jkun il-każ notevolment tar-relazzjonijiet bejn qraba kollaterali jew ta' parentela, ta' l-obbligi ta' manteniment għal dixxendenti fir-rigward ta' l-axxendenti tagħhom, jew tas-sosteniment tad-dmir ta' għajnuna wara t-taħlil taż-żwieġ.	***imħassra***

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa mhix ċara u tidher li ma taqbilx mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u li hi diskriminatorja. Barra minn hekk, il-fatt li l-emenda tar-rapporteur għal opinjoni għall-Artikolu 20 tippreżerva s-salvagwardja tal-politika pubblika, donnu jagħmel din il-premessa mhix neċessarja.

Emenda 11
Premessa 18 a (ġdida)

	(18a) Kategoriji speċjali ta' dejta dwar oriġini razzjali jew etnika, fhemiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, adeżjoni ma' partit jew trejdjunjin, orjentazzjoni sesswali jew saħħa għandhom jiġu pproċessati biss jekk ikun assolutament neċessarju u b'mod proporzjonali għall-iskop ta' każ speċifiku u f'konformità ma' salvagwardji speċifiċi.

Emenda 12
Premessa 19

(19) Ladarba tittieħed fi Stat Membru, deċiżjoni fil-qasam ta' obbligi ta'	(19) ***L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jiddaħħlu proċeduri li jipproduċu riżultati***

manteniment trid tkun tista' tiġi attwata malajr u b'mod effikaċi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. ***Il-krediturі*** ta' manteniment, *partikularment, iridu jibbenefikaw* mill-ġbid ta' flus direttament mis-salarji jew il-kontijiet tal-bank tad-debituri.	***u li jkunu aċċessibbli, fil-pront, effiċjenti, effettivi f'sens ta' nfiq, sensittivi u ġusti.*** Ladarba tittieħed fi Stat Membru, deċiżjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment trid tkun tista' tiġi attwata malajr u b'mod effikaċi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. ***Kredituri*** ta' manteniment *iridu jibbenefikaw, partikularment,* mill-ġbid ta' flus direttament mis-salarji jew il-kontijiet tal-bank tad-debituri. ***Mezzi ġodda u effettivi ta' infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment għandhom jiġu mħeġġa.***

Ġustifikazzjoni

Bħall-abbozz tal-Konvenzjoni ta' L-Aja, ir-Regolament għandu jfittex l-objettiv ta' promozzjoni ta' proċeduri aċċessibbli, fil-pront, effiċjenti, effettivi f'sens ta' nfiq, sensittivi u ġusti.

L-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment huwa problematiku f'ħafna ġuriżdizzjonijiet. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'mod attiv mezzi ġodda ta' infurzar li ntużaw u ħallew effett kbir f'ġuriżdizzjonijiet mhux ta' l-UE, bħall-ikkonfiskar ta' liċenzji tas-sewqan.

Emenda 13
Premessa 22

(22) Ir-Regolament preżenti jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti notevolment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, jimmira li jiżgura r-rispett sħiħ tal-ħajja privata u tal-familja, il-ħarsien *tal-fatti* personali, ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-garanziji ta' rikors effettiv quddiem qorti *independenti* u imparzjali, konformi ma' l-Artikoli 7, 8, 24, u 47 tal-Karta.	(22) Ir-Regolament preżenti jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti notevolment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, jimmira li jiżgura r-rispett sħiħ tal-ħajja privata u tal-familja, il-ħarsien *tad-dejta* personali, ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-garanziji ta' rikors effettiv quddiem qorti *indipendenti* u imparzjali, konformi ma' l-Artikoli 7, 8, 24, u 47 tal-Karta. ***Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkunsidrati l-Artikoli 3 u 27 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1989, li jistipulaw li:*** ***- fl-azzjonijiet kollha rigward tfal, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu***

	konsiderazzjoni primarja,
	- it-tfal kollha għandu jkollhom id-dritt għal livell ta' għajxien adegwat għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tagħhom,
	- il-ġenitur(i) jew oħrajn responsabbli mit-tfal għandhom ir-responsabilità primarja li jiżguraw, fil-limitu ta' l-abilitajiet u tal-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' għajxien neċessarji għall-iżvilupp tat-tfal, u
	- l-Istati għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa, inkluż il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, biex jiżguraw l-irkupru ta' manteniment għat-tfal mill-ġenitur(i) jew persuni oħra responsabbli, b'mod partikulari fejn dawn il-persuni jgħixu fi Stat differenti minn dak tat-tfal.

Ġustifikazzjoni

Għandhom jiġu kkunsidrati d-drittijiet tat-tfal kif hemm stipulat fil-Konvenzjoni rilevanti tan-NU.

Emenda 14
Premessa 23

(23) ***B'konformità ma' l-artikolu 2, tad-*** Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-modi ta' l-*eżerċizzju* tal-kompetenzi ta' infurzar mogħtija lill-Kummissjoni[1]***, ikun xieraq li l-miżuri meħtieġa biex jitwettaq dan ir-Regolament preżenti ikunu stabbiliti skond il-proċedura konsultattiva stipulata fl-artikolu 3 tad-Deċiżjoni msemmija***.	(23) ***Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-*** Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-*eżerċitar* tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni[1].
[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.	[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ***Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).***

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' komitoloġija ġew aġġustati biex iqisu l-emenda tad-Deċiżjoni ta' Komitoloġija ta' l-1999. Ara wkoll l-emendi ta' l-Artikoli 50 u 51.

Emenda 15
Premessa 24

(24) Ir-Regolament *preżenti jieħu* post l-istrumenti tal-Komunità adottati qabel u *jkopri* l-istess tema. Barra minn hekk, ***irid ikollu*** prijorità fuq l-istrumenti internazzjonali l-oħrajn applikabbli fil-qasam bejn l-Istati Membri, sabiex jgħaqqad u jissemplifika n-normi ġuridiċi li hemm fis-seħħ.	(24) Ir-Regolament *preżenti għandu jieħu* post l-istrumenti tal-Komunità adottati qabel u *li jkopru* l-istess tema. Barra minn hekk, ***għandu jkollu*** prijorità fuq l-istrumenti internazzjonali l-oħrajn applikabbli fil-qasam bejn l-Istati Membri, sabiex jgħaqqad u jissemplifika n-normi ġuridiċi li hemm fis-seħħ. ***Dan għandu jkun kompatibbli wkoll mal-Konvenzjoni ta' L-Aja li jmiss dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' l-Appoġġ għat-Tfal u Forom oħra ta' Manteniment tal-Familja.***

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun iċċarat li r-Regolament hu intenzjonat li jkun kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' L-Aja li jmiss.

Emenda 16
Artikolu 1, paragrafu 1

1. Ir-Regolament preżenti japplika għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin ***mir-relazzjonijiet*** tal-familja jew *mir-*relazzjonijiet li, skond il-liġi li tapplika għalihom, għandhom effetti simili.	1. Ir-Regolament preżenti japplika għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin ***minn relazzjoni*** tal-familja***, parentela, żwieġ jew affinità*** jew *minn* relazzjonijiet li, skond il-liġi li tapplika għalihom, għandhom effetti simili***, bħal sħubija ċivili***.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-emenda għall-Premessa 9.

Emenda 17
Artikolu 2, punt (8)

(8) "kreditur" tfisser kull *individwu* li *huwa dovut* mantenimenti jew *jallega* li huma	(8) "kreditur" tfisser kull *persuna fiżika* li *hija dovuta* mantenimenti jew *tallega* li

dovuti;	huma *dovuti lilha* ***jew entità pubblika li ħadet il-pożizzjoni tal-kreditur għall-iskop ta' infurzar****;*

Emenda 18
Artikolu 2, punt (9)

(9) "debitur" tfisser kull *individwu* li *għandu jagħti* mantenimenti jew lil min qiegħda ssir talba għal mantenimenti.	(9) "debitur" tfisser kull *persuna fiżika* li *għandha tagħti* mantenimenti jew lil min qiegħda ssir talba għal mantenimenti ***jew entità pubblika li ħadet f'idejha l-obbligu tad-debitur biex imantni lill-kreditur***.

Emenda 19
Artikolu 2, paragrafu (9 a) (ġdid)

	(9a) il-frażi 'azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni' għandha tfisser kull azzjoni relatata ma' divorzju, separazzjoni legali, annullament taż-żwieġ jew affiljazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jkun speċifikat xi tfisser il-frażi "azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni". Id-definizzjoni taqbel mad-definizzjoni ta' ġuriżdizzjoni li tinstab fir-Regolament Nru 2201/2003, iżda hija mwessgħa biex tinkludi proċeduri ta' affiljazzjoni.

Emenda 20
Artikolu 3, punt (c)

c) il-qorti kompetenti biex *tkun taf dwar azzjoni relatata ma' l-istat ta' persuni meta t-talba relatata ma' l-obbligu ta'* manteniment tkun *aċċessorja ta' din l-azzjoni*, ***ħlief jekk din il-kompetenza tkun ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet***;	c) il-qorti kompetenti biex *tikkunsidra talbiet għal proċedimenti li jikkonċernaw l-istejtus ta' persuna jekk il-kwistjoni relatata mal-*manteniment tkun *anċillari għal dawk il-proċedimenti*,

Ġustifikazzjoni

Din il-limitazzjoni ma tidhirx li għandha xi skop utli.

Emenda 21
Artikolu 3, punt (d)

d) il-qorti kompetenti biex *tkun taf dwar azzjoni relatata mar-responsabbiltà* tal-ġenituri, *fis-sens tar*-Regolament (KE) Nru 2201/2003, *meta t-talba li għandha x'taqsam ma' l-obbligu ta'* manteniment *hija aċċessorja* għal *din l-azzjoni*.	d) il-qorti kompetenti biex *tikkunsidra talbiet għal proċedimenti li jikkonċernaw ir-responsabilità* tal-ġenituri, *skond ir-*Regolament (KE) Nru 2201/2003, *jekk il-kwistjoni relatata mal-*manteniment *tkun anċillari* għal *dawk il-proċedimenti* ***u proċedimenti ta' responsabilità tal-ġenituri huma diġà pendenti quddiem dik il-qorti jew jitressqu quddiem dik il-qorti fl-istess ħin bħal applikazzjoni għal manteniment***.

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika tidher li hija ġġustifikata.

Emenda 22
Artikolu 4, paragrafu 2

2. Ftehim dwar *ġurisdizzjoni* jrid ikun bil-miktub. ***Kull trasmissjoni b'mezz elettroniku li tippermetti li tirreġistra l-ftehim għat-tul tkun ikkunsidrata li hija forma miktuba.***	2. Ftehim dwar *ġuriżdizzjoni* jrid ikun bil-miktub.

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni hija vaga żżejjed: hija tista' tkopri, pereżempju, skambju ta' e-mails.

Emenda 23
Artikolu 4, paragrafu 2 a (ġdid)

	2a. Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ trid tkun issodisfata li jkun hemm qbil ħieles dwar kull twessigħ tal-ġuriżdizzjoni wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti u trid tikkunsidra s-sitwazzjoni tal-partijiet fil-ħin tal-proċedimenti.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' l-emenda tal-Premessa 11.

Emenda 24
Artikolu 6, punt (b)

b) meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, il-qrati ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju *tiegħu hemm* l-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi, jekk din ir-residenza abitwali kienet għadha *stabbilita inqas minn sena* qabel il-bidu tal-kawża.	b) meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, il-qrati ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju *tiegħu kien hemm* l-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi, jekk din ir-residenza abitwali kienet għadha *stabbilita mill-inqas għal sena* qabel il-bidu tal-kawża.

Ġustifikazzjoni

Taffettwa l-verżjoni bl-Ingliż biss.

Emenda 25
Artikolu 10, paragrafu 1 a (ġdid)

	Fejn il-proċedimenti ta' manteniment seħħew permezz ta' applikazzjoni għal għajnuna temporanja, l-Artikoli 7 u 8 m'għandhomx joperaw b'tali mod li jikkawżaw il-liġi applikabbli għall-applikazzjoni għal għajnuna temporanja biex neċessarjament tapplika għal kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti għal manteniment jew varjazzjoni ta' manteniment miġjuba b'konnessjoni ma' proċedimenti sostantivi għal divorzju, annullament ta' żwieġ/sħubija ċivili jew separazzjoni legali.

Ġustifikazzjoni

Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni bħal din, jista' jingħad li fejn mara tkun applikat għal manteniment permezz ta' miżuri temporanji f'pajjiż A, fejn hi tkun sabet refuġju, il-liġi tal-pajjiż A għandha tiġi applikata għall-kwistjonijiet kollha marbuta ma' obbligi ta' manteniment li ġejjin minn proċedimenti ta' divorzju li sussegwentement ikunu ġejjin minn pajjiż B, il-pajjiż ta' oriġini tagħha fejn hi toqgħod mar-raġel tagħha.

Emenda 26
Artikolu 13

1. Il-liġi tal-pajjiż fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu tmexxi l-obbligi ta' manteniment.	1. Il-liġi tal-pajjiż fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu tmexxi l-obbligi ta' manteniment.

2. Il-liġi tal-qorti tapplika::	2. Il-liġi tal-qorti tapplika:
a) ***meta skond il-liġi speċifikata konformi mal-paragrafu 1 il-kreditur ma jistax jikseb il-mantenimenti mid-debitur,*** jew	(a) ***meta hi tkun il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur***, jew
b) meta l-kreditur ***jagħmel it-talba għalihom u din tkun il-liġi tal-pajjiż li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu***.	b) meta l-***kreditur ma jkunx jista' jikseb manteniment mid-debitur permezz tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur, jew***
	(c) sakemm il-kreditur ma jitlobx mod ieħor u l-qorti tiġi ssodisfata li hu jew hi jkunu kisbu parir legali indipendenti dwar il-kwistjoni, fejn hija l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tad-debitur.
3. ***Meta l-ebda waħda mil-liġijiet imsemmija konformi mal-paragrafi preċedenti ma tippermetti lill-kreditur biex jikseb il-mantenimenti mid-debitur u meta jirriżulta miċ-ċirkostanzi kollha li l-obbligu ta' manteniment jippreżenta rabtiet stretti ma' pajjiż ieħor, b'mod partikulari dak tan-nazzjonalità komuni tal-kreditur u tad-debitur; f'dan il-każ, tapplika l-liġi tal-pajjiż ma' liema l-obbligu ta' manteniment għandu rabtiet stretti.***	3. ***Minkejja l-paragrafu 1, il-liġi tal-qorti tista' tiġi applikata, anki fejn mhix il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur, fejn tippermetti li tilwim dwar manteniment jissolva ġustament b'mod iktar sempliċi, mgħaġġel u b'inqas spejjeż u fejn m'hemm l-ebda evidenza ta' 'forum shopping'.***
	4. ***B'mod alternattiv, meta l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-kreditur jew il-liġi tal-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ ma tippermettix lill-kreditur li jikseb manteniment mid-debitur jew fejn ma jkunx ġust jew xieraq li tiġi applikata dik il-liġi, l-obbligi ta' manteniment għandhom ikunu suġġetti għal-liġi ta' pajjiż ieħor li miegħu l-obbligu ta' manteniment għandu konnessjonijiet mill-qrib, b'mod partikulari, iżda mhux esklussivament, dik tal-pajjiż tan-nazzjonalità komuni tal-kreditur u tad-debitur.***

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjonijiet ta' l-emendi tal-Premessi 14 u 15.

Emenda 27
Artikolu 14, paragrafu 1a (ġdid)

dejjem jekk il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ tkun issodisfata li kien hemm qbil ħieles dwar kwalunkwe għażla ta' qorti jew għażla ta' liġi wara li jkun ittieħed parir legali indipendenti.

Emenda 28
Artikolu 15

imħassar

L-Artikolu 15

Non-applikazzjoni tal-liġi speċifikata fuq talba tad-debitur

1. Meta hemm involuti obbligi ta' manteniment ħlief għal dawk għat-tfal u l-adulti vulnerabbli u bejn konjuġi jew ex-konjuġi, id-debitur jista' jopponi għall-pretensjoni tal-kreditur in-nuqqas ta' obbligu ta' manteniment fir-rigward tiegħu skond il-liġi nazzjonali komuni tagħhom jew, f'nuqqas ta' nazzjonalità komuni, skond il-liġi tal-pajjiż li fih għandu r-residenza abitwali tiegħu.

2. Meta hemm involuti obbligi ta' manteniment bejn konjuġi jew ex-konjuġi, id-debitur jista' jopponi għall-pretensjoni tal-kreditur in-nuqqas ta' obbligu ta' manteniment fir-rigward tiegħu skond il-liġi tal-pajjiż ma' liema ż-żwieġ jippreżenta l-aktar rabtiet stretti.

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tidher li ma taqbilx mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u li hi diskriminatorja.

Emenda 29
Artikolu 17

1. Il-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment tiddetermina notevolment:	1. Il-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment tiddetermina notevolment:
(a) l-eżistenza ***u l-firxa*** tad-drittijiet tal-kreditur, u kontra min jista' jeżerċitahom;	(a) l-eżistenza tad-drittijiet tal-kreditur, ***għal kemm żmien u f'liema ammont*** u kontra min jista' jeżerċitahom;
(b) ***il-miżura li fiha l-***kreditur jista' jitlob mantenimenti b'mod retroattiv;	(b) ***għal kemm żmien u f'liema ammont il-***kreditur jista' jitlob mantenimenti b'mod retroattiv;
(c) il-mod ta' kalkolu u l-indiċi ta' l-obbligu ta' manteniment;	(c) il-mod ta' kalkolu u l-indiċi ta' l-obbligu ta' manteniment;
(d) il-preskrizzjoni u l-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni;	(d) il-preskrizzjoni u l-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni;
(e) id-dritt ta' l-istituzzjoni pubblika li pprovdiet *mantenimenti* lill-kreditur biex tikseb ir-rimborż *tal-benefiċċji tagħha* u l-limiti ta' l-obbligu tad-debitur.	(e) id-dritt ta' l-istituzzjoni pubblika li pprovdiet *benefiċċji* lill-kreditur biex tikseb ir-rimborż *ta' dawk il-benefiċċji* u l-limiti ta' l-obbligu tad-debitur.
2. ***Ikun xi jkun il-kontenut tal-liġi applikabbli, iridu jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur fl-ispeċifikazzjoni ta' l-ammont tas-sussidju ta' manteniment.***	2. ***Minkejja l-paragrafu 1, fl-ispeċifikazzjoni ta' l-ammont ta' manteniment, il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ għandha tieħu bħala l-bażi tagħha l-bżonnijiet attwali u preżenti tal-kreditur u r-riżorsi attwali u preżenti tad-debitur, filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet raġonevoli ta' dan ta' l-aħħar u kull obbligu ieħor ta' manteniment li hu jew hi jkunu suġġetti għalih.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tirrestringi l-għażla tal-kliem tat-test tal-Kummissjoni. Huwa importanti li jkun ċar li l-bżonnijiet attwali tal-kreditur huma ta' l-ikbar importanza u biex jiġi kkunsidrat il-fatt li d-debitur jista' jkun diġà fi dmir li jħallas manteniment lil pereżempju, sieħeb/sieħba preċedenti.

Emenda 30
Artikolu 20

L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab ħlief jekk din l-applikazzjoni hija ovvjament inkompatibbli mal-politika pubblika tal-qorti. ***Madankollu, l-applikazzjoni ta' miżura tal-liġi ta' Stat Membru speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab fuq din il-bażi.***	L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi speċifikata mir-Regolament preżenti ma tistax titwarrab ħlief jekk din l-applikazzjoni hija ovvjament inkompatibbli mal-politika pubblika tal-qorti.

Ġustifikazzjoni

Din is-salvagwardja hemm bżonn li tinżamm.

Emenda 31
Artikolu 21

Billi Stat jinkludi diversi unitajiet territorjali fejn kull waħda għandha r-regoli proprji tagħha fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment, kull unità territorjali hija meqjusa bħala pajjiż għall-finijiet ta' l-ispeċifikazzjoni tal-liġi applikabbli skond ir-Regolament preżenti.	***Stat li fih unitajiet territorjali differenti jkollhom regoli tal-liġi tagħhom stess fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment, m'għandux ikun marbut li japplika dan ir-Regolament għal konflitti li jkunu biss bejn il-liġijiet ta' dawn l-unitajiet.***

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tirriproduċi d-dispożizzjoni ta' Ruma II. Stati Membri magħmula minn bosta unitajiet territorjali bir-regoli legali tagħhom stess għandhom jitħallew jiddeċiedu jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhomx japplikaw għal dawk l-unitajiet territorjali.

Emenda 32
Artikolu 22, paragrafu 3

3***. L-Istati Membri javżaw lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti, bil-modi ta' notifika u ta' taħrika li huma applikabbli. Huma jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil li jsir għal dan it-tagħrif.***	3. ***Is-servizz jista'jsir ukoll fuq rappreżentant tal-konvenut.***
Il-Kummissjoni tqiegħed dan it-tagħrif għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.	

Ġustifikazzjoni

Il-metodi tas-servizz stipulati jikkorrispondu għal dawk stipulati fir-Regolament Nru 1896/2006 dwar il-proċedura ta' l-ordni tal-ħlas Ewropea, li ma tipprovdix għall-bidla tal-metodi applikabbli tas-servizz. Għal raġunijiet ta' sempliċità, għandu jiġi kkunsidrat li ssir referenza biss għar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.

Il-paragrafu 3 l-ġdid jippermetti li servizz isir fuq ir-rappreżentant legali tal-konvenut skond dispożizzjoni inkluża fir-Regolament Nru 1896/2006.

Emenda 33
Artikolu 29

Il-kwerelant, li fl-Istat Membru ta' oriġini kien ibbenefika bi sħiħ jew parzjalment mill-assistenza *ġudizzjarja* jew minn eżenzjoni ta' spejjeż, jibbenefika, fil-proċedura ta' infurzar, mill-*assistenza* ***l-aktar favorevoli*** *jew* mill-*eżenzjoni l*-aktar estiża kif speċifikata mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' infurzar.	Il-kwerelant, li fl-Istat Membru ta' oriġini kien ibbenefika bi sħiħ jew parzjalment mill-assistenza *legali* jew minn eżenzjoni ta' spejjeż, jibbenefika, fil-proċedura ta' infurzar, mill-*assistenza legali* ***skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet transkonfinali billi jkunu stabbiliti regoli komuni minimi marbuta ma' għajnuna legali għal kwistjonijiet bħal dawn***[1] *jew* mill-*eżenzjoni ta' spejjeż l*-aktar estiża kif speċifikata mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' infurzar.

[1] ***ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41.***

Emenda 34
Artikolu 33, punt (a)

a) id-debitur jippreżenta ċirkostanzi ġodda jew ċ-ċirkostanzi li ma kinux magħrufa mill-qorti ta' l-oriġini meta din ħadet id-deċiżjoni tagħha;	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tagħti wisq libertà lil debitur ta' manteniment li jkun jixtieq jaħrab mill-obbligi tiegħu. Diġà saret dispożizzjoni f'punt (b) għas-sitwazzjoni fejn id-debitur ikun applika għal reviżjoni fil-qorti ta' oriġini. Barra minn hekk, mhux ċar kemm il-qorti li tinforza ser tkun f'pożizzjoni li tirrevedi d-deċiżjoni tal-qorti ta' oriġini. Mhux id-deċiżjonijiet kollha tal-qorti jkollhom dikjarazzjoni sħiħa tal-bażi tagħhom u l-qorti fejn l-infurzar hu mfittex ma tirċevix il-fajl tal-każ.

Emenda 35
Artikolu 35, paragrafu 1

1. Kreditur jista' jitlob lill-qorti *mqabbda fuq il-merti* biex tagħti ordni ta' *iffriżar* temporanju ta' kont bankarju ***ddestinat***, fi Stat Membru ieħor, għall-istituzzjoni bankarja li fiha d-debitur għandu kont bankarju. It-talba u l-ordni ta' *iffriżar* temporanju ta' kont bankarju *huma*	1. Kreditur jista' jitlob lill-qorti *li tinħatar biex tisma' l-każ* biex tagħti ordni ta' *ffriżar* temporanju ta' kont bankarju ***bl-ammont meħtieġ biex jintlaħaq l-obbligu ta' manteniment, iddestinata***, fi Stat Membru ieħor, għall-istituzzjoni bankarja li fiha d-debitur għandu kont bankarju. It-

konformi mal-formoli li tagħhom hemm eżempji fl-Anness IV għar-Regolament preżenti.	talba u l-ordni ta' *ffriżar* temporanju ta' kont bankarju *għandhom ikunu* konformi mal-formoli li tagħhom hemm eżempji fl-Anness IV għar-Regolament preżenti.

Emenda 36
Artikolu 35 a (ġdid)

	Artikolu 35a
	Ordnijiet oħra ta' infurzar
	Il-qorti li tinħatar biex tisma' l-każ tista' tordna l-miżuri l-oħra kollha ta' infurzar kif stipulati fil-liġi nazzjonali tagħha li hi tqis xierqa.

Ġustifikazzjoni

Din il-qorti fejn l-infurzar hu mfittex m'għandhiex tkun limitata għall-ordnijiet elenkati fir-Regolament. Billi l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa li jikkunsidraw mezzi ġodda ta' infurzar inklużi dawk li ntużaw b'effett kbir f'ġuriżdizzjonijiet mhux ta' l-UE, il-qrati għandhom ċertament jużaw il-miżuri kollha possibbli disponibbli għalihom skond il-liġi nazzjonali tagħhom.

Emenda 37
Artikolu 38, paragrafu 1

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI huma applikabbli, jekk ikun hemm bżonn, għall-għarfien u l-infurzar ta' l-atti awtentiċi u tal-ftehimiet bejn partijiet li huma esekutorji. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih att awtentiku jew ftehim bejn partijiet huwa esekutorju, *twassal*, ***fuq it-talba ta' kull parti interessata***, estratt ta' l-att billi tuża l-formola li tagħha jidher l-eżempju fl-Anness II għar-Regolament preżenti.	1. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI huma applikabbli, jekk ikun hemm bżonn, għall-għarfien u l-infurzar ta' l-atti awtentiċi u tal-ftehimiet bejn partijiet li huma esekutorji. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih att awtentiku jew ftehim bejn partijiet huwa esekutorju, *tippubblika*, ***b'mod awtomatiku***, estratt ta' l-att billi tuża l-formola li tagħha jidher l-eżempju fl-Anness II għar-Regolament preżenti.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom joperaw b'formalità minima.

Emenda 38
Artikolu 44, paragrafu 1

1. L-awtoritajiet ċentrali jagħtu aċċess għall-informazzjoni li tippermetti li jkun iffaċilitat l-irkupru ta' talbiet ta' manteniment fil-kundizzjonijiet *imsemmija* fil-Kapitolu preżenti. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta sabiex jinkisbu l-għanijiet li ġejjin:	1. L-awtoritajiet ċentrali jagħtu aċċess għall-informazzjoni li tippermetti li jkun iffaċilitat ***f'każ speċifiku*** l-irkupru ta' talbiet ta' manteniment fil-kundizzjonijiet *stipulati* fil-Kapitolu preżenti. Din l-informazzjoni tiġi pprovduta sabiex jinkisbu l-għanijiet li ġejjin:

Emenda 39
Artikolu 44, paragrafu 1, punt (a)

a) sejba tad-debitur;	a) sejba ***ta' l-indirizz*** tad-debitur;

Emenda 40
Artikolu 44, paragrafu 1 a (ġdid)

	1a. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' kull każ għalih liema dejta personali għandha tiġi pproċessata mill-firxa ta' informazzjoni disponibbli u dan għandu jiġi permess biss jekk ikun neċessarju biex jiffaċilita l-infurzar ta' l-obbligi ta' manteniment.

Emenda 41
Artikolu 44, paragrafu 1 b (ġdid)

	1b. Dejta bijometrika bħall-marki tas-swaba jew id-dejta tad-DNA m'għandhiex tkun ipproċessata.

Emenda 42
Artikolu 44, paragrafu 1 c (ġdid)

	***1c. Kategoriji speċjali ta' dejta dwar oriġini razzjali jew etnika, fehmiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, adeżjoni ma' partit jew trejdjunjin, orjentazzjoni sesswali jew saħħa għandhom jiġu pproċessati biss jekk ikun assolutament**

neċessarju u b'mod proporzjonali għall-iskop ta' każ speċifiku u f'konformità ma' salvagwardji speċifiċi.

Emenda 43
Artikolu 44, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Talbiet għal informazzjoni ħlief il-punti elenkati fil-paragrafu 2 għandhom ikunu b'mod proporzjonali u neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi elenkati fil-paragrafu 1.

Emenda 44
Artikolu 46, paragrafu 3

3. Qorti ma tistax iżżomm informazzjoni komunikata konformi mar-Regolament preżenti għal aktar minn kemm għandha bżonn biex tiffaċilita l-irkupru ta' talba ta' manteniment. ***Il-limitu ta' żmien għaż-żamma ma jistax jaqbeż sena.***	3. Qorti ma tistax iżżomm informazzjoni komunikata konformi mar-Regolament preżenti għal aktar minn kemm għandha bżonn biex tiffaċilita l-irkupru ta' talba ta' manteniment.

Ġustifikazzjoni

Informazzjoni għandha tkun disponibbli għat-tul ta' żmien neċessarju, għall-iskop li għalih tkun inġabret jew biex tkun ipproċessata iktar. Ċertament, fil-każ ta' obbligi ta' manteniment, informazzjoni f'xi każijiet x'aktarx se tkun meħtieġa għal tul ta' żmien mhux ħażin, sabiex l-imħallef ikun jista' jerġa' jevalwa b'mod perjodiku s-sussistenza tal-bażijiet legali għall-għoti ta' l-obbligi ta' manteniment u biex jikkwantifika b'mod xieraq dawn l-obbligi. Ċertament, skond l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, fl-UE talba għal manteniment hi mħallsa għal 8 snin bħala medja.

Emenda 45
Artikolu 48, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Dan ir-regolament jirrispetta d-Direttiva 95/46 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali u dwar iċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' tali dejta u jirrikjedi lill-Istati Membri biex jipproteġu

	d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għal privatezza, sabiex tkun żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera ta' dejta personali fil-Komunità.

Emenda 46
Artikolu 50

Kull modifika ta' l-Annessi tar-Regolament preżenti tiġi adottata skond il-proċedura konsultattiva speċifikata fl-Artikolu 51, il-paragrafu 2.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)*

Emenda 47
Artikolu 51

1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna minn kumitat, ***magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni***.	1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna ***mill-*** kumitat ***kif hemm stipulat fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001***.
2. Fil-każ fejn issir referenza għall-paragrafu preżenti, ***il-proċedura konsultattiva prevista fl-Artikolu 3*** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ***tapplika fil-każ tal-ħarsien tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7, paragrafu 3*** tagħha.	2. Fil-każ fejn issir referenza għall-paragrafu preżenti, ***l-Artikoli 3 u 7*** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ***għandhom japplikaw, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8*** tagħha.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Introduzzjoni

Dak li hu nieqes bħalissa fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea, huwa sistema armonizzata komuni ta' l-għarfien u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment.

L-objettiv prinċipali tal-proposta għar-Regolament tal-Kunsill dwar il-kompetenza, il-liġi applikabbli, l-għarfien u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-koperazzjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment huwa li jiġu eliminati ostakoli legali li ma jħallux li jkun hemm irkupru ta' manteniment minn ċittadin li jkun qed jgħix fi Stat Membru ieħor ta' l-UE.

Dan ir-regolament qed jimmira għall-irkupru ta' manteniment mgħaġġel u (ġeneralment) bla ħlas. Huwa regolament kruċjali u neċessarju għaċ-ċittadini ta' l-UE. Bil-kisba tas-suq intern, il-movimenti transkonfinali ta' persuni żdiedu b'mod konsiderevoli – u magħhom il-problemi li jolqtu lill-konjuġi ta' migranti, b'mod partikulari fl-Istati Membri l-ġodda, li ċ-ċittadini tagħhom qed jieħdu l-vantaġġ kollu possibbli tal-moviment ħieles. Barra minn hekk, irid jitqies il-fatt li d-divorzju u s-separazzjoni qed jiżdiedu madwar l-Unjoni kollha.

Meta kienet qed tħejji r-rapport, ir-rapporteur ikkuntattjat kemm lill-istituzzjonijiet li jittrattaw l-obbligi ta' manteniment u kemm lill-persuni li qed jippruvaw jiksbuhom. Wara l-konsultazzjonijiet, hi sfortunatament skopriet li l-ordnijiet tal-qorti f'ħafna każi m'humiex imwettqa. Fil-Polonja, pereżempju, hu stmat li 10% biss tal-persuni obbligati jħallsu obbligi ta' manteniment, iwettqu dan id-dmir. L-oħrajn li suppost iħallsu biex jappoġġjaw it-tfal tagħhom, jagħmlu minn kollox sabiex jevitaw dan, huma jittrasferixxu l-proprjetà tagħhom lill-membri tal-familja li huma qrib jew 'il bogħod, huma uffiċjalment ma jaħdmux għalkemm fil-fatt għandhom xi tip ta' dħul stabbli, huma ma jiġbrux ittri li jirċievu minn min jiġbor id-djun, huma jinħbew mis-sistema tal-ġustizzja. Biex wieħed ikun imġiegħel iħallas l-obbligi ta' manteniment, l-istituzzjonijiet responsabbli huma sfurzati li wkoll jieħdu passi radikali bħaż-żamma tal-liċenzja tas-sewqan. Min-naħa l-oħra, il-krediturі qed jgħixu f'ċirkustanzi fqar ħafna u huma ħafna drabi ma jkollhomx biżżejjed flus biex jgħixu.

Wieħed jista' jimmaġina li dawn il-problemi huma anki iktar diffiċili biex jiġu ttrattati meta d-debitur jgħix barra. Il-proċess biex jinkisbu t-talbiet ta' manteniment hu ħafna itwal, iktar komplikat u f'ħafna każi anki impossibbli li jseħħ. Sewwasew biex jiġu evitati dawn is-sitwazzjonijiet u għalhekk biex il-ħajja taċ-Ċittadini ta' l-UE ssir iktar faċli, ġie introdott tali regolament.

Biex tingħata attenzjoni lil din il-kwistjoni importanti u biex l-Istati Membri jkunu mħeġġa jittrattawha u biex jikkonkludu x-xogħol fuq l-abbozz ta' regolament malajr, hi ddeċidiet li torganizza seduta ta' smigħ dwar din il-kwistjoni, li se ssir fil-11 ta' Settembru.

2. **Qafas legali**

Il-proposta tar-Regolament hi riżultat ta' Pjan ta' Azzjoni fit-tul bil-għan li jissaħħu l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE, adottat mill-Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fl-Aja, f'Novembru 2004 (magħruf bl-isem "Il-Programm ta' l-Aja"). F'dan il-Programm, "il-Kummissjoni hi mistiedna tressaq proposta ta' abbozz leġiżlattiv dwar l-

għarfien u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar manteniment, inklużi miżuri ta' prekawzjoni u infurzar proviżorju fl-2005".

Fl-istess ħin, mill-1999, il-Konferenza ta' l-Aja dwar il-Liġi Privata Internazzjonali (organizzazzjoni internazzjonali li l-membri tagħha huma l-Istati Membri kollha ta' l-UE kif ukoll 40 stat ieħor), wettqet ħidmiet f'daqqa dwar riforma fil-fond tas-sistema internazzjonali tat-talbiet ta' manteniment barra l-pajjiż. Il-ħidmiet għandhom jiġu mitmuma f'Novembru 2007.

Ir-Rapporteur qed issegwi mill-qrib il-ħidmiet tal-Konferenza ta' l-Aja dwar il-Liġi Privata Internazzjonali u temmen li d-dispożizzjonijiet tagħha għandhom ikunu paralleli għall-proposti ta' l-UE. Fl-istess ħin, iżda, hi ta' l-opinjoni li l-UE għandha bżonn regolazzjoni interna separata dwar din il-kwistjoni. In-numru kbir ta' sorsi u l-livell ta' integrazzjoni bejn l-Istati Membri m'humiex komparabbli mal-pajjiżi mhux ta' l-UE, u wkoll minħabba li l-importanza tal-miri stabbiliti mill-UE huma differenti, huwa neċessarju li tinħoloq sistema iktar avvanzata u separata dwar l-għarfien u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' manteniment. Ċertament sistema ġdida trid tikkorrispondi, kemm jista' jkun possibbli, mal-qafas tal-Konferenza ta' l-Aja dwar il-Liġi Privata Internazzjonali, iżda tista' tkun iktar avvanzata. Irid ikun enfasizzat ukoll li biex konvenzjoni tiġi ratifikata tieħu ħafna ħin, u kultant l-Istati ma jirratifikawhom xejn. Billi meta jitqies il-kobor tal-problema ta' l-irkupru ta' l-obbligi ta' manteniment u t-tendenza tiegħu li jiżdied, hu ċar biżżejjed li għandna bżonn fil-fatt ta' mekkaniżmu ġdid, malajr u effiċjenti f'dan ir-rispett fi ħdan l-UE.

3. Qasam ta' applikazzjoni u kontenut

Il-qasam ta' applikazzjoni tar-Regolament ikopri l-obbligi kollha ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjonijiet familjari (Artikolu 1). Ir-Rapporteur tappoġġja d-direzzjoni tas-soluzzjonijiet adottati fil-proposta tar-Regolament. Iżda, hi tixtieq li jitqies il-fatt li minħabba li t-terminu "obbligu ta' manteniment" huwa definit f'kull Stat Membru b'mod differenti, il-qasam ta' applikazzjoni tar-Regolament għandu jkopri dawn l-obbligi ta' manteniment li huma stipulati fil-liġi nazzjonali ta' kull Stat Membru.

Il-Kummissjoni ppreżentat, fi strument wieħed, il-mekkaniżmi kollha applikabbli għal din il-kwistjoni: ġuriżdizzjoni, liġi applikabbli, għarfien u infurzar, koperazzjoni u tneħħija ta' l-ostakoli għat-tħaddim tajjeb tal-proċeduri.

Dan ir-Regolament għandu jirriżulta f'semplifikazzjoni tal-ħajja taċ-ċittadini. L-iktar li għandna bżonn huwa s-semplifikazzjoni tat-tħaddim tal-proċeduri neċessarji biex jiġu stabbiliti r-responsabilitajiet ta' manteniment. Wara dan, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li ladarba tittieħed id-deċiżjoni, iridu jittieħdu l-miżuri biex dik id-deċiżjoni jkollha l-istess saħħa li għandha fl-Istat Membru ta' oriġini, mingħajr ebda formalità oħra.

Fil-prattika, il-proċedura biex jintalab manteniment tkun tikkonsisti minn pass wieħed biss, i.e. il-kreditur ikollu jippreżenta nozzjoni fil-qorti. Wara, entità ċentrali maħtura fl-Istat tal-kreditur, fuq talba tal-qorti, tibgħat applikazzjoni xierqa lil entità ċentrali maħtura fl-Istat tad-debitur, li tiġbor l-informazzjoni neċessarja dwar id-debitur biex jiġi definit u infurzat l-obbligu ta' manteniment, u mbagħad hija tibgħatha lura lill-Istat tal-kreditur.

Il-kreditur ikollu d-dritt li jagħmel talba għal pagament dirett fix-xahar permezz tal-qorti tiegħu/tagħha ta' oriġini li tkun indirizzata lil min jimpjega lid-debitur fi Stat Membru ieħor jew lill-bank fi Stat Membru ieħor li fih id-debitur għandu kont bankarju (Artikolu 34). Kreditur jista' jitlob lill-qorti maħtura biex tisma' l-każ biex tagħti ordni ta' ffriżar temporanju ta' kont bankarju li tkun indirizzata lill-bank fi Stat Membru ieħor li fih id-debitur għandu kont (Artikolu 35). Bħala regola ġenerali, it-talbiet għal manteniment għandhom jitħallsu bi prijorità fuq kull dejn ieħor ta' debitur (Artikolu 36).

5. Konklużjonijiet

Ir-Rapporteur tappoġġja l-abbozz ta' regolament u taċċetta d-direzzjoni tas-soluzzjonijiet proposti fih. L-implimentazzjoni bla dubju se jkollha effetti soċjali pożittivi minħabba li se tgħin lill-krediturі ta' manteniment li jkunu qed jgħixu fi Stat Membru wieħed li jsegwu t-talbiet tagħhom minn għand id-debituri li jkunu qed jgħixu fi Stati Membri oħra. Wara dan, ir-Regolament jista' jiffaċilita t-tħaddim xieraq tas-suq intern l-iktar permezz ta' l-eliminazzjoni ta' l-ostakoli għall-moviment ħieles tal-persuni li issa jsofru mid-diskrepanzi bejn l-Istati Membri f'termini ta' infurzar ta' obbligi ta' manteniment.

Il-proposta għal Regolament dwar obbligi ta' manteniment tissodisfa ħtieġa reali tas-soċjetà moderna: biex titjieb il-pożizzjoni tal-krediturі ta' manteniment, li l-ewwel u qabel kollox huma t-tfal. In-numru jiżdied ta' koppji li jisseparaw flimkien ma' mobilità li qed tiżdied fl-Unjoni Ewropea, żgur ifisser iktar u iktar tilwim traskonfinali rigward talbiet ta' manteniment. Irkupru iktar effiċjenti ta' talbiet ta' manteniment b'hekk itejjeb il-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' edukazzjoni ta' ħafna tfal. Il-proposta se tagħmilha faċli għall-kreditur ta' manteniment li jieħu/tieħu t-talba tiegħu/tagħha quddiem qorti kompetenti. U ladarba tingħata d-deċiżjoni, se jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li hi tkun rikonoxxuta awtomatikament fl-Istati Membri kollha mingħajr formalitajiet oħra. Dak li jagħmel bidla kbira, hu li issa l-kreditur se jibbenefika mill-għajnuna immensa li r-Regolament il-ġdid se jagħti biex iċ-ċittadini jfittxu d-drittijiet tagħhom.